

Il-Ġurnal Uffiċjali C 174 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

15 ta' Ġunju 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 174/01	Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx ogħżejjonijiet (¹)	1
2011/C 174/02	Komunikazzjoni skont l-Artikolu 12(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali	3
2011/C 174/03	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6104 – Safran/SNPE Matériaux Energétiques/Regulus) (¹)	5

III Atti preparatorji

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-Bank Ċentrali Ewropew

2011/C 174/04	Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2011 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awditi esterni tal-Oesterreichische Nationalbank (BĊE/2011/7)	6
---------------	--	---

MT
**Prezz:
EUR 3**

(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 174/05	Rata tal-kambju tal-euro	7
---------------	--------------------------------	---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 174/06	Sejħa għal proposti – EACEA/18/11 – Programm Jean Monnet – Attività Ewlenija 1 – Attivitajiet ta' Informazzjoni u ta' Riċerka għal “It-Tagħlim dwar l-UE fl-Iskola”	8
---------------	---	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 174/07	Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi	11
---------------	--	----

2011/C 174/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6229 – PAG/Mitsui/AMT JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	13
---------------	--	----



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AGENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Fir-rigward ta' dawn il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 174/01)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	20.4.2011
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.31730 (11/N)
Stat Membru	Franza
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Fonds national d'amorçage — Régime cadre d'intervention publique en capital investissement auprès des jeunes entreprises innovantes
Il-bażi legali	Article 8 de la Loi de finance rectificative pour 2010 Convention État Caisse des dépôts FNA (Loi 2010-237 du 9 mars 2010).
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Kapital ta' riskju
Il-forma tal-għajnuna	Provista ta' kapital ta' riskju
L-estimi	Baġit globali: EUR 400 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	sal-2030
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	—
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunkfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	29.3.2011
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.32551 (11/N)
Stat Membru	Ir-Rumanija
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Ajutor de stat destinat facilitării accesului la finançare în actuala perioadă de criză economică și financiară, constând în garanții de stat acordate IMM-urilor și întreprinderilor mari, în anul 2011.
Il-bażi legali	Proiect de Normă privind schema de ajutor de stat destinată facilitării accesului la finançare în actuala perioadă de criză economică și financiară, constând în garanții de stat acordate IMM-urilor și întreprinderilor mari, în anul 2011.
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija
Il-forma tal-għajnuna	Garanzija
L-estimi	Baġit globali: RON 200 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2011
Setturi ekonomiči	Is-setturi kollha
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Banca de Export-Import a României EXIMBANK SA Splaiul Independenței nr. 15, sector 5 București ROMÂNIA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

Komunikazzjoni skont l-Artikolu 12(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali

(2011/C 174/02)

Informazzjoni Tariffarja Obbligatorja ma tibqax valida minn dan il-jum jekk issir inkompatibbli mal-interpretażżjoni tan-nomenklatura doganali bħala riżultat tal-miżuri tariffarji internazzjonali li ġejjin:

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC1553 – rapport tas-45 Sessjoni tal-Kumitat HS):

EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKONT IL-PROĊEDURA TAL-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS U L-OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI EDITJATI MILL-KUMITAT HS TAL-ORGANIZZAZZJONI DINIJA DOGANALI

(IS-45 SESSJONI TAL-HSC – MARZU 2010)

DOK. NC1553

Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni approvati mill-Kumitat HS

9021.10/1 O/20

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC1604 – rapport tas-46 Sessjoni tal-Kumitat HS):

EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKONT IL-PROĊEDURA TAL-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS U L-OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI EDITJATI MILL-KUMITAT HS TAL-ORGANIZZAZZJONI DINIJA DOGANALI

(IS-46 SESSJONI TAL-HSC – SETTEMBRU 2010)

DOK. NC1604

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura fl-anness tal-Konvenzjoni HS

56.08	N/3
61.10	N/14
61.14	N/14
Taqsimha XVI, Noti Ġeneral	N/11
85.04	N/4
85.07	N/11
87.16	N/12
90.21	N/12
95.03	N/13
95.06	N/14

Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni approvati mill-Kumitat HS

1901.10/1-2	N/7
2710.19/2	N/8

3809.91/5	N/9
7308.90/7	N/10

Informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-miżuri tista' tinkiseb mid-Direttorat Ĝeneralis għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea (rue de la Loi/Wetstraat 200, 1049 Brussell, Belgium) jew tista' titniżżeż mis-sit tal-internet tad-Direttorat-Ĝeneralis:

http://ec.europa.eu/comm/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/harmonised_system/index_en.htm

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.6104 – Safran/SNPE Matériaux Energétiques/Regulus)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 174/03)

Fit-30 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negożju li jista' jkun fi. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqSIMA tal-amalgazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgazzjoni, inklużi l-kumpanja, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32011M6104. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Ġunju 2011

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank

(BĊE/2011/7)

(2011/C 174/04)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek Ċentrali nazzjonali huma verifikati minn awdituri esterni indipendentni rrakkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Skont Artikolu 37(1) tal-Liġi Federali dwar l-Oesterreichische Nationalbank, ta' kull sena l-Laqgħa Ġenerali tal-Oesterreichische Nationalbank teleġġi żewġ awdituri esterni u żewġ awdituri esterni alternattivi. L-awdituri esterni alternattivi jingħataw il-mandat biss f'każ li l-awdituri esterni ma jkunux jistgħu jwettqu l-verifika.
- (3) Il-mandat kemm tal-awdituri esterni kif ukoll tal-awdituri esterni alternattivi tal-Oesterreichische Nationalbank intemm wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2010. Huwa għalhekk neċċessarju li jinħatru awdituri esterni sa mis-sena finanzjarja 2011.
- (4) L-Oesterreichische Nationalbank għażel għas-sena finanzjarja 2011 lil TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. bħala l-awdituri esterni konġunti ġodda tiegħu, kif ukoll lil KPMG Austria GmbH Wirtschaftsprüfungs- und Steuerberatungsgesellschaft u Deloitte Audit Wirtschafts-

prüfungs GmbH bħala l-awdituri esterni konġunti alternattivi ġodda tiegħu.

- (5) Il-mandat tal-awdituri esterni jista' jiġġedded fuq bażi annwali, li ma jeċċedix terminu totali ta' ħames snin u l-mandat tal-awdituri esterni alternattivi jista' jiġġedded darba biss.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Huwa rrakkmandat illi TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. jinħatru konġuntament bħala l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank għas-sena finanzjarja 2011.
2. Huwa rrakkmandat illi TPA Horwath Wirtschaftsprüfung GmbH u Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H. jinħatru konġuntament bħala l-awdituri esterni alternattivi tal-Oesterreichische Nationalbank għas-sena finanzjarja 2011.
3. Il-mandat tal-awdituri esterni jista' jiġġedded fuq bażi annwali, li ma jeċċedix terminu totali ta' ħames snin, u li jintem sa mhux aktar tard mis-sena finanzjarja 2015. Il-mandat tal-awdituri esterni alternattivi jista' jiġġedded darba biss u jintem bis-sena finanzjarja 2012.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta' Ġunju 2011.

*Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET*

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

L-14 ta' Čunju 2011

(2011/C 174/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,4448	AUD	Dollaru Awstraljan	1,3573
JPY	Yen Ġappuniż	115,91	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4074
DKK	Krona Daniża	7,4590	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	11,2456
GBP	Lira Sterlina	0,88100	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7663
SEK	Krona Żvediża	9,1183	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7804
CHF	Frank Żvizzera	1,2116	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 564,04
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,7540
NOK	Krona Norveġiża	7,7965	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,3609
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,3995
CZK	Krona Ċeka	24,118	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 333,84
HUF	Forint Ungeriż	264,51	MYR	Ringgit Malażjan	4,3792
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	62,499
LVL	Lats Latvjan	0,7086	RUB	Rouble Russu	40,2888
PLN	Zloty Pollakk	3,9302	THB	Baht Tajlandiż	44,009
RON	Leu Rumen	4,1725	BRL	Real Braziļjan	2,2871
TRY	Lira Turka	2,2820	MXN	Peso Messikan	17,1014
			INR	Rupi Indjan	64,6370

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦAL PROPOSTI – EACEA/18/11

Programm Jean Monnet – Attività Ewlenija 1

Attivitajiet ta' Informazzjoni u ta' Riċerka għal "It-Tagħlim dwar l-UE fl-Iskola"

(2011/C 174/06)

1. Daħla/Sfond

Il-livell ġeneral ta' għarfien dwar l-Unjoni Ewropea, il-politiki u l-istituzzjonijiet tagħha huwa pjuttost baxx, b'parti kbira mill-popolazzjoni għandha ftit jew xejn għarfien jew tagħrif dwar l-Unjoni. Dan jaapplika b'mod partikolari għaż-żgħaż-żgħażaq u huwa rifless fir-rata baxxa ta' rispons fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2009.

L-inizjattiva "It-tagħlim dwar l-UE fl-Iskola" hija t-tweġiba speċifika tal-Kummissjoni Ewropea għat-talba tal-Parlament Ewropew, li tistipula li l-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja "għandu jinkludi miżuri li jipprovvu l-edukazzjoni ċivika (it-tagħlim) dwar iċ-Ċittadinanza Demokratika Ewropea, inklużi l-istudju dwar l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea fl-iskejjel sekondarji tal-Istati Membri Ewropej" (¹).

Il-“Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja” (²) u b'mod aktar speċifiku il-Programm tiegħi Jean Monnet (Attività Ewlenija 1) jikkostitwixxu l-bażi legali.

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura ("l-Aġenzija"), li qiegħda taġixxi taħt is-setgħat iddelegati mill-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni"), hija responsabbli mill-ġestjoni ta' din is-sejħa għal proposti.

2. Għan(ijjet) u prijorità(jiet)2.1. *Għan(ijiet):*

L-għan ġenerali huwa li jitwasslu lill-istudenti l-fatti dwar l-Unjoni Ewropea u l-għarfien dwar l-istituzzjonijiet tagħha u l-mod kif taħdem.

L-għan speċifiku ta' din is-sejħa għal proposti huwa li jingħata appoġġ lil proġetti unilaterali taħt "Attivitajiet ta' Informazzjoni u Riċerka" tal-Programm Jean Monnet, sabiex:

- jogħla l-livell ta' għarfien ġenerali dwar l-Unjoni Ewropea, il-politiki u l-istituzzjonijiet tagħha, sabiex jonqos id-distakk dejjem jikber bejn il-popolazzjoni u l-istituzzjonijiet Ewropej.
- jiġi żviluppat kontenut għall-ġalliema tal-UE fil-livell tal-iskejjel primarji u sekondarji u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

(¹) Ara l-Abbozz tal-Baġit Ġenerali 2011 – Dikjarazzjoni tad-dħul u tal-infıq (COM(2010) 750 finali), p. 401.
<http://eur-lex.europa.eu/budget/data/P2011/MT/SEC03.pdf>

(²) Ara d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1720/2006/KE tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-Tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).
<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:327:0045:0068:MT:PDF>

2.2. Prioritā(jiet):

Għandha tingħata prioritā lill-proġetti li jinvolvu istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri, istituzzjonijiet u/jew assoċjazzjonijiet kif indikat fil-punt 3 li juru esperjenza ċara fit-tagħlim, ir-riċerka u l-aktivitajiet edukattivi dwar il-kwistjonijiet ta' integrazzjoni Ewropea.

3. Applikanti eliġibbli

Din is-sejħa għal proposti hija miftuħa għal applikazzjonijiet minn:

- Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri
- Istituzzjonijiet u/jew Assoċiazjonijiet:
 - ta' professuri u riċerkaturi li jispeċjalizzaw fl-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea;
 - ta' għalliema;
 - li jiżguraw l-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi tal-għalliema;
 - ta' istituzzjonijiet u/jew skejjel ta' edukazzjoni superjuri.

Il-proġetti taħt din is-sejħa għal proposti huma unilaterali.

4. Attivitajiet eliġibbli

Fil-kuntest ta' din is-sejħa, l-aktivitajiet eliġibbli għandu jkollhom wieħed jew aktar mill-għanijiet li ġejjin:

- L-iżvilupp u t-twassil ta' kontenut ta' tagħlim xieraq u materjal didattiku ġdid/adattat għat-tagħlim dwar l-integrazzjoni Ewropea fil-livell tal-iskejjel primarji u sekondarji u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.
- L-implementazzjoni ta' taħriġ għall-għalliema u l-edukazzjoni kontinwa tal-għalliema billi jingħatalhom l-gharfiex u l-ħiliet xierqa sabiex jgħallmu l-integrazzjoni Ewropea fil-livell tal-iskejjel primarji u sekondarji u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.
- L-għoti ta' Seminars jew Workshops imfassla b'mod spċificu dwar l-integrazzjoni Ewropea lill-istudenti fil-livell tal-iskejjel primarji u sekondarji u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Dawn il-proġetti għandhom jiġu ppreżentati minn istituzzjoni ta' edukazzjoni superjuri li jkollha esperjenza ċara fit-tagħlim u r-riċerka dwar il-kwistjonijiet ta' integrazzjoni Ewropea. Il-proġetti għandhom jinkludu lista tal-iskejjel li jkunu qablu li jieħdu sehem fl-aktivitajiet.

L-aktivitajiet tal-proġetti għandhom jibdew bejn l-1 ta' Diċembru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012. It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 12-il xahar.

L-ispejjeż imġarrba qabel il-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà ma jiġux ikkunsidrati (¹).

5. Kriterji ta' aġġudikazzjoni

L-applikazzjonijiet/il-proġetti eliġibbli jiġu evalwati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin meqjusa indaqs:

- Il-kwalità tal-applikant(i)

Il-kwalità (l-eċċellenza) tal-organizzazzjonijiet u tal-koordinaturi tal-proġett li japplikaw (CVs) fil-qasam spċificu tal-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea u/jew tal-pedagoġija u t-taħriġ tal-għalliema;

- Il-kwalità tal-metodoloġija u tal-programm ta' ħidma

Il-kwalità u d-dettalji tal-aktivitajiet ippjanati. L-istratgeġja għall-kisba tar-riżultati mixtieqa. Il-metodoloġija u l-ġestjoni tal-programm ta' ħidma;

(¹) L-ghotjet ma jistgħux jiġu aġġudikati retrospettivament għal azzjonijiet li jkunu digħi tħleste. Artikolu 112(1) FR.

— *L-impatt u r-rilevanza tar-riżultati*

L-impatt mistenni tal-attivitàjet fuq l-istimolu tat-tagħlim dwar l-integrazzjoni Ewropea fil-livell tal-iskejjel primarji u sekondarji u fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. It-tixrid u l-użu tar-riżultati;

— *Il-Karatru Innovattiv*

Il-livell ta' innovazzjoni tal-proġetti.

6. Baġit

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti huwa EUR 2 000 000.

L-għotja massima tkun EUR 60 000 ⁽¹⁾.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Аġenzija ma tistax taqbeż il-75 % tal-ispejjeż totali tal-proġetti.

Taħt din is-sejħa, l-għotjiet jiġu aġġudikati fuq il-bażi ta' sistema ta' finanzjament b'rata fissa kkalkulata skont l-għadd ta' parteċipanti apparagun mal-organizzazzjoni tal-avveniment edukattiv fil-livell tal-iskejjel primarji u sekondarji u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

L-Аġenzija tirriserva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

7. Is-sottomissjoni tal-proposti u d-data tal-għeluq

Id-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija:

il-15 ta' Settembru 2011, data tat-timbru postali.

L-applikazzjonijiet sottomessi fuq il-formola uffiċjali, mimlija kif jixraq, datati, sottomessi fi tliet kopji (waħda oriġinali identifikata b'mod ċar bħala tali, flimkien ma' żewġ fotokopji), u ffirmati mill-persuna awtorizzata li tidħol fimpenni legalment vinkolanti fisem l-organizzazzjoni li tkun applikat biss jiġu aċċettati.

L-applikazzjonijiet li ma jkunux jinkludu d-dokumenti stipulati kollha fil-lingwi mitluba u li ma jiġux ippreżentati sad-data tal-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-posta fl-indirizz li ġej:

Education, Audiovisual and Culture Executive Agency
 Unit P2 — Lifelong Learning: Erasmus, Jean Monnet
 Call for proposals — EACEA/18/11 — ‘Learning EU at School’
 Office: BOU2 3/57
 Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1
 1040 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-faks jew bil-posta elettronika biss ma jiġux aċċettati.

8. Dettalji sħaħ

Il-linji gwida għall-applikanti u l-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dan l-indirizz:

http://eacea.ec.europa.eu/lfp/funding/2011/call_jean_monnet_action_ka1_2011school_en.php

⁽¹⁾ L-Artikoli 113 FR; 167, 172 IR.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni mill-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

(2011/C 174/07)

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikoltura u l-Innovazzjoni b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar tal-idrokarburi fiż-żona magħrufa bħala De Kempen.

Iż-żona tinsab fil-provinċji ta' North Brabant u Zeeland u hija deliminata kif ġej:

- (a) Mil-linji dritti bejn il-ponot pari 1-2, 2-3, 3-4, 4-5 u 5-6;
- (b) imbagħad mil-linja dritta mill-ponta 6 li tgħaddi mill-ponta 7 għall-ponta fejn din tinterċetta mal-fruntiera nazzjonali;
- (c) imbagħad mill-fruntiera nazzjonali mill-punt ta' interċessjoni speċifikat f'(b) sal-punt fejn dan jinterċetta ma' linja dritta mill-ponta 9 li tgħaddi mill-ponta 8;
- (d) imbagħad mil-linja dritta mill-punt tal-interċessjoni f'(c) li tgħaddi mill-ponta 8 sal-ponta 9;
- (e) imbagħad mil-linji dritti bejn il-ponot pari 9-10, 10-11, 11-12, 12-13, 13-14 u 14-1.

Iż-żona deskritta hawn fuq ma tinkludix iż-żoni Belġjani fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-koordinati tal-ponot li huma msemmija hawn fuq huma kif ġej:

Ponta	X	Y
1	84910,00	407960,00
2	115338,00	394385,00
3	115338,00	390264,00
4	130074,00	390264,00
5	151430,00	375600,00
6	161200,00	368960,00
7	161687,62	367888,20
8	88243,54	386478,77
9	71645,00	402275,00
10	67600,00	403630,00
11	65910,00	406575,00
12	67295,00	407795,00
13	74125,00	405795,00
14	77895,00	405370,00

Il-ponot imsemmija hawn fuq huma definiti permezz tal-koordinati ġeografiċi tagħhom, ikkalkulati skont is-Sistema Nazzjonali ta' Trijangulazzjoni (RD, *Rijks Driehoeksmeting*).

Abbażi ta' din id-deskrizzjoni taż-żona, l-erja tas-superfiċje hija 1 042 km².

B'referenza għad-Direttiva msemmija fl-introduzzjoni u għall-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Minjieri (*Mijnbouwwet*) (il-Bullettin tal-Att u tad-Digreti (*Staatsblad*) 2002, Nru 542), il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikultura u l-Innovazzjoni b'dan jistieden lill-partijiet interessati sabiex iressqu applikazzjoni ta' kompetizzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-ipprospettar tal-idrokarburi fiż-żona deliminata bil-punti u l-koordinati msemmija hawn fuq.

Il-Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi, l-Agrikultura u l-Innovazzjoni huwa l-awtorità kompetenti għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 5(1), 5(2) u 6(2) tad-Direttiva msemmija hawn fuq huma stabbiliti fl-Att dwar ix-Xogħol tal-Minjieri (Il-Bullettin tal-Att u tad-Digreti 2002, Nru 542).

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul it-13-il ġimġha ta' wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lil:

De minister van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie
ter attentie van de heer P. Jongerius, directie Energiemarkt
ALP A/562
Bezuidenhoutseweg 30
Postbus 20101
2500 EC Den Haag
NEDERLAND

L-applikazzjonijiet li jaslu wara li jiskadi dan il-perjodu ma jiġux ikkunsidrati.

Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet se tittieħed sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mit-tmiem ta' dan il-perjodu.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb billi ċċempel lis-Sur E. J. Hoppel fuq in-numru tat-telefown li ġej: +31 703797762.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6229 – PAG/Mitsui/AMT JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/C 174/08)

1. Fl-1 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-imprizzi Mitsui & Co., Ltd. ("Mitsui", il-Ġappu) u Penske Automotive Group, Inc. ("PAG", l-Istati Uniti tal-Amerika, attwalment fil-kontroll konġunt ta' Mitsui and Penske Corporation of USA) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, il-kontroll konġunt ta' Company Alliance Motor Tyumen ("AMT", ir-Russja) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Mitsui: il-bejgħ, id-distribuzzjoni, ix-xiri, it-tqegħid fis-suq u l-forniment ta' prodotti f'żoni ta' negozju bħal: ħadid u azzar; metalli li ma fihomx ħadid; makkinarju; elettronika; kimiċċi; komoditajiet relatati mal-enerġija; u servizzi relatati mal-ikel, il-bejgħ bl-imnut, l-istil tal-ħajja u l-konsumaturi, kif ukoll il-bejgħ ta' vetturi b'magna u muturi, parts u aċċessorji ta' vetturi b'magna u muturi, globalment,
- għal PAG: negozju tal-bejgħ bl-imnut tal-karozzi, il-bejgħ ta' vetturi ġodda u użati, servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, u l-bejgħ u t-tqegħid ta' prodotti b'marġni għoli, bħal prodotti finanzjarji u ta' assurazzjoni terzjarja, kuntratti ta' servizzi estiżi tal-parti terza u l-bdil u s-suq ta' wara l-bejgħ ta' prodotti tal-karozzi,
- għal Penske Corporation: kumpanija ta' servizzi ta' trasport li topera f'diversi segmenti, inkluż il-bejgħ bl-imnut tal-karozzi, il-kiri ta' trakkijiet, il-loġistika tat-trasport, il-manifattura ta' komponenti tat-trasport u motorsports professionali,
- għal AMT: bejgħ, manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-magna Lexus.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejil lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6229 – PAG/Mitsui/AMT JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa ufficijali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa ufficijali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Ufficijali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa ufficijali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi ufficijali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Ufficijali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Ufficijali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Ufficijali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika ufficijali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikiesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Ufficijali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-ufficiċċi tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-ufficiċċi tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

